MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 182/2003

**Anna Mifsud**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-att tat-twelid ta' l-attrici gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tmint elef u wiehed u ghoxrin (8021) tas-sena elf disa` mija u sebgha u hamsin (1957);

Illi f'dan ic-certifikat jezistu tlett zbalji billi isem l-omm gie ndikat bhala Victoria, *wife of the said* John Borg, mentri ghandu jkun Victoria, nee` Brincat, *wife of the said* John

Borg; id-data tat-twelid ta' l-attrici gie ndikat bhala 2 ta' Ottubru 1957 mentri hi twieldet fis-6 ta' Novembru 1957; billi missier omm l-attrici hu ndikat bhala Carmelo Busuttil mentri fil-fatt kellu jkun 'unknown father';

Illi bi svista fis-7 ta' Dicembru 1977 inhareg att tat-twelid iehor ta' l-attrici bin-numru erbat elef, sebgha mija u hmistax (4715) tas-sena 1977 fejn id-dettalji ta' l-istess attrici gew indikati korrettament;

Illi l-attrici tixtieq li l-pozizzjoni taghha tigi regolarizzata.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

*1.* Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid bin-numru progressiv 8021/1957, billi fil-kolonna taht l-intestatura 'Isem u kunjom' jigu kancellati l-kliem 'Victoria, *wife of the said* John Borg', u sostitwiti bi 'Victoria nee` Brincat, wife of the said John Borg,' fil-kolonna taht l-intestatura 'Hin, jum, xahar u sena jigu kancellati in-numri u kliem '2nd October 1957' u minflok jidhru in-numri u kliem '6th November 1957' u fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet' jigu kancellati l-kliem 'Carmelo Busuttil (*Alive*)' u minflok jidhru l-*kliem 'unknown father.'*

2. Konsegwentement, jigi kancelllat definittivament it-tieni att ta' twelid ta' l-attrici bin-numru progressiv 4751/1977, mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta *stante* li dan ic-certifikat huwa superflwu.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 19 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-15 ta' April 2003 a fol. 28 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 8021 tas-sena 1957 m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 29 u 30 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezentat zewg affidavits tal-genituri taghha, John u Victoria Borg;

Rat in-nota ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2003 li permezz taghha pprezentat kopja tal-karta ta' l-identita` taghha;

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-15 ta' Mejju 2003 li permezz taghha rrizerva l-kontro-ezami tax-xhieda bl-affidavit ta' John u Victoria Borg;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Mark Chetcuti ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi izjed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi **John Borg, missier l-attrici,** fl-affidavit tieghu xehed:-

*"Illi jiena missier Anna li twieldet fis-6 ta' Novembru 1957. Niftakar car din id-data u m'ghandix dubji dwarha. L-informazzjoni u d-dettalji tat-twelid ma kontx tajthom jien lil tal-Insinwa izda kienet marti li marret l-ghassa ta' l-Imsida dak iz-zmien biex tirregistra it-twelid.*

*Illi jiena ma kellix bzonn kopja tac-certifikat ta' binti u ma kontx naf li jezistu ebda zbalji. Kull meta kellna bzonn certifikat tat-twelid meta binti kienet zghira konna nuzaw certifikat tal-Knisja. Mhux hekk biss izda meta Anna giet tghidli li marret tigbed kopja tac-certifikat u dan ma nstabx u ghalhekk kellhom jaghmlu wiehed gdid jiena ma tajt l-ebda mportanza lil dan il-fatt.*

*Illi pero` dan l-ahhar binti marret iggedded il-passaport u meta marret l-Insinwa tigbed kopja tac-certifikat tat-twelid sabu c-certifikat ta' l-1957. Mill-ewwel indunat bid-diskrepanzi u fil-fatt giet id-dar biex turina li kellha zewg certifikati b'dettalji differenti. Jien ghidtilha tmur l-Insinwa bil-kopja taz-zewg certifikati u fil-fatt meta marret infurmatni li ma setghu jaghmlu xejn u li kellha tmur il-Qorti biex tirranga dan kollu."*

Illi **Victoria Borg** xehdet bil-procedura ta' l-affidavit fejn sostniet:-

*"Illi jiena omm Anna li twieldet fis-6 ta' Novembru 1957. Niftakar car din id-data u m'ghandix dubji dwarha. Kont jien li mort l-ghassa ta' l-Imsida wara t-twelid u rregistrajtha. Ma nistax nifhem kif hemm l-izball fid-data tat-twelid fic-certifikat li nhareg fil-1957 ghaliex m'ghandha x'taqsam xejn ma' dik reali. Ic-certifikat tal-Maghmudija tal-Knisja hareg tajjeb. Dejjem iccelebrajna l-birthday tat-tifla fis-6 ta' Novembru u li kieku mhux ghax it-tifla marret tigbor certifikat tat-twelid u sabu dan tal-1957 qatt ma kien ikun hemm ebda dubju.*

*Illi rigward il-kunjom ta' missier jista` jkun li meta staqsieni il-Pulizija fhimtu hazin x'dettall ried minghandi. Issa ghaddew wisq snin biex niftakar. Carmelo Busuttil li hemm imnizzel bhala missieri fic-certifikat ta' binti kien*

*jghix ma' ommi izda ma kienx zewgha u lanqas kien missieri. Ic-certifikat tat-twelid tieghi juri dan il-fatt.*

*Illi jiena ma ttendejtx b'dawn l-izbalji meta l-Pulizija ha d-dettalji biex jitnizzlu fic-certifikat ta' binti Anna u anke kieku urieni x'kiteb ma kontx ninduna ghax ma nafx naqra u nikteb."*

### ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi din hija talba mill-attrici sabiex ic-certifikat taghha tat-twelid jigi korrett fis-sens li jigu korretti l-izbalji li hemm fih u dan senjament billi isem l-omm gie ndikat bhala Victoria *wife of the said* John Borg, mentri ghandu jkun Victoria nee` Brincat, *wife of the said* John Bord; id-data tat-twelid ta' l-attrici gie ndikat bhala 2 ta' Ottubru 1957 mentri hi twieldet fis-6 ta' Novembru 1957; billi missier omm l-attrici hu ndikat bhala Carmelo Busuttil mentri fil-fatt kellu jkun *'unknown father'*;

Illi mill-provi prodotti u senjatament mill-affidavits tal-genituri ta' l-attrici John u Victoria Borg, u iktar importanti mic-certifikati kollha l-ohra esebiti mill-att tac-citazzjoni attrici jirrizulta li t-talba attrici giet sostanzjalment ippruvata u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku nkwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa` t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid bin-numru progressiv 8021/1957, billi fil-kolonna taht l-intestatura 'Isem u kunjom' jigu kancellati l-kliem 'Victoria, *wife of the said* John Borg', u sostitwiti bi 'Victoria nee` Brincat, wife of the said John Borg,' fil-kolonna taht l-intestatura 'Hin, jum, xahar u sena jigu kancellati in-numri u kliem '2nd October 1957' u minflok jidhru in-numri u kliem '6th November 1957' u fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom il-

Missier u jekk hux haj jew mejjet' jigu kancellati l-kliem 'Carmelo Busuttil (*Alive*)' u minflok jidhru l-*kliem 'unknown father.'*

2. Konsegwentement, tordna li jigi kancelllat definittivament it-tieni att ta' twelid ta' l-attrici bin-numru progressiv 4751/1977, mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta *stante* li dan ic-certifikat huwa superflwu u ghal kollox irregolari.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* **ta' l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjoni tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------